MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

Seduta tal-21 ta' Dicembru, 2012

Numru 239/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**v.**

**Christopher Mercieca**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Christopher Mercieca bin Eucharist u residenti fil-fond Ellis, Flat 2, Triq il-Qbajjar, Zebbug, Ghawdex, u detentur tal-karta ta' l-identita` numru 27678G fejn gie akkuzat talli fl-20.08.2009 u qabel din id-data naqas li javza lill-Korporazzjoni tax-Xogħol u Tahrig bl-impieg tieghu ma' Lorry Xuereb u kien jirregistra ghax-xoghol.

**2.** Rat is-sentenza ta' l-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) tal-25 ta' April 2012 fejn il-Qorti sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u kkundannatu multa ta' mija u hamsa u sebghin ewro (€175) u wara li rat li l-

hati ma talabx sospensjoni tal-effetti tas-sentenza laqghet it-talba u ordnat li l-multa ta' mija u hamsa u sebghin Euro (€175) tigi mhallsa f'rati mensili ta' tletin Euro (€30), bl-ewwel pagament dovut fl-ahhar ta' Mejju 2012.

**3.** Rat ir-rikors ta' appell ta' Christopher Mercieca minnu prezentat fil-11 ta' Mejju 2012 li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tilliberah minn kull imputazzjoni u htija.

**4.** Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

**5.** Rat l-eccezzjoni sollevata mill-Avukat Generali fis-seduta tas-16 ta' Novembru 2012 quddiem din il-Qorti li biha eccepixxa l-irritwalita' tar-rikors tal-appell peress illi jirrizulta mis-sentenza appellata li l-appellant ma talabx is-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza appellata minkejja li, fl-atti a fol. 20, tirrizulta l-formola solita iffirmata mill-imputat li biha ntalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata.

**6.** Rat il-verbal tad-difiza tal-appellant li permezz tieghu irrilevat li l-kawza quddiem l-ewwel Qorti nstemghet u giet deciza meta l-imputat ma kienx assistit mill-avukat ta' fiducja tieghu u li dwar dan l-avukat ta' fiducja tal-appellant sa kien ghamel rikors ghal differiment tal-kawza billi fil-25 ta' April 2012 kien nqabad b'kawza ohra fil-Qorti ta' Malta li kienet ghall-provi kollha, liema talba ghal differiment pero kienet giet michuda; id-difiza ziedet tiddikjara li l-appellant iffirma jew ghamel it-talba tieghu ghas-sospensjoni tas-sentenza tal-ewwel Qorti dakinhar stess li nghatat is-sentenza, ftit mumenti wara li kkomunika mal-avukat ta' fiducja tieghu permess tat-telephone.

**7.** Il-prosekuzzjoni rreplikat li minn fol.7 tal-atti jirrizulta li l-appellant kien fil-fatt assistit minn Dr. Sarah Sultana dakinhar li nghatat is-sentenza fil-konfront tieghu, u cioe fil-25 ta' April 2012 u li anki talab zmien ghall-hlas tal-multa kif jirrizulta mill-verbal a fol.8 tal-process kif ukoll mill-ahhar paragrafu tas-sentenza appellata u li ghalhekk il-prosekuzzjoni titlob li tigi prodotta bhala xhud id-Deputat

Registratur Mary Jane Attard li kienet qed tagixxi ta' Deputat Registratur dakinhar waqt is-seduta, u li ffirmat ukoll il-formola ghas-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza a fol. 20.

**8.** B'digriet tal-istess data, u cioe' tas-16 ta' Novembru 2012, din il-Qorti laqghet it-talba ghall-produzzjoni tax-xhud Mary Jane Attard. Din xehedet dakinhar stess u essenzjalment kull ma xehdet kien li dakinhar tas-seduta hija toqghod attenta li kollox isir sew li izda ma kienetx tiftakar il-kawza dwar x'hix kienet u anqas tiftakar kif gie li fil-process kien l-ewwel gie registrat li l-imputat kien instab hati u kien talab zmien ghall-hlas tal-multa izda wara jirrizulta li fil-process giet infilzata formola li permezz taghha l-imputat kien qieghed jitlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija dakinhar stess. Anqas kienet taf kif gara li mtliet il-formola in kwistjoni, ghalkemm l-istess formola hi fifrmata wkoll minnha, u ziedet li la darba talab iz-zmien ghall-hlas il-formola msemmija ma kellhiex timtela.

**9.** Semghet mill-gdid ix-xhieda li kienu gew prodotti fl-ewwel istanza u lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**10.** Il-fatti tal-kawza, in kwantu relevanti ghall-finijiet tal-appell, jistghu jigu riassunti kif gej:

Fl-14 ta' Awwissu 2009 ufficjali tal-Employment and Training Corporation (ETC ) kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fic-Cirkewwa, Malta, u hemmhekk osservaw lill-imputat liebes flok griz bil-kelma *crew* fuqu f'area fejn topera s-socjeta' Midas li thaddem dghajjes minn Malta ghal Ghawdex jew Kemmuna. Appena l-imputat ra lill-ufficjali javvicinawh biex ikellmuh dan sgicca ghal go wahda mid-dghajjes li telqet qabel ma lahquha l-ufficjali msemmija.

Fl-20 ta' Awwissu tal-istess sena, l-istess ufficjali regghu kienu qed jaghmlu spezzjonijiet fl-istess inhawi u hemm regghu lemhu lill-imputat taht umbrella bil-marka Midas flimkien ma' zewg persuni ohra parti mill-istaff tal-istess socjeta' li kienu jbieghu it-tickets. L-imputat kellu f'idu *two*

*way hand radio* u malli l-ufficjali avvicinaw lill-persuni li kienu taht l-umbrella l-imputat ikkonsenja r-radio lil wiehed miz-zewg impjegati ta' Midas. Hdejn il-persuni kien hemm ukoll sinjal li jghid "Midas Ferries". Meta l-ufficjali kellmu lill-persuni msemmija l-imputat ma wegibx waqt li z-zewg persuni l-ohra accettaw li kienu impjegati regolarment. L-imputat jirrizulta, izda, li kien jirregistra ghax-xoghol.

Ikkunsidrat:

**11.** L-aggravju uniku tal-imputat appellant huwa li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi li wassalha sabiex erronjament issib htija fl-imputat. Il-pozizzjoni legali ta' aggravju bhal dan hi ben nota u din il-Qorti ma hix bi hsiebha tirrepetiha. Bizzejjed li jinghad li din il-Qorti bhala regola ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li tkun ghamlet l-ewwel Qorti jekk mhux ghal ragunijiet gravi b'mod li din il-Qorti tirrevedi dak l-apprezzament fl-eventwalita' biss li l-ewwel Qorti ma setghetx ragionevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom fuq l-iskorta tal-provi prodotti quddiemha.

**12.** Qabel ma din il-Qorti tghaddi, jekk ikun il-kaz, sabiex tikkunsidra l-aggravju tal-appellant jehtiegilha qabel xejn li tindirizza l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali tal-irritwalita' tar-rikors tal-appell.

**13.** L-Avukat Generali jsostni li l-appell huwa irritwali ghaliex jirrizulta mis-sentenza appellata li l-appellant ma talabx is-sospensjoni tal-effetti tas-sentenza appellata minkejja li, fl-atti a fol. 20, tirrizulta l-formola solita iffirmata mill-imputat li biha ntalbet is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tas-sentenza appellata.

**14.** Hu ormai stabbilit li n-nuqqas ta' talba ghas-sospensjoni tas-sentenza appellata tammonta ghal akkwiexxenza liema akkwiexxenza hija in konflitt mal-volonta' li wiehed jappella u tali sospensjoni trid tintalab immedjatament kif tkun giet moghtija s-sentenza u b'dan

il-mod biss tkun tista' tigi evitata l-esekuzzjoni mmedjata tas-sentenza[1].

**15.** Sar accenn mill-prosekuzzjoni ghall-fatt li mis-sentenza appellata jirrizulta li l-appellant talab zmien ghall-hlas tal-multa imposta mill-ewwel qorti liema talba giet akkordata. Dan il-fatt wahdu, izda, ma jammontax ghal akkwiexxenza ghas-sentenza tal-ewwel Qorti jekk jirrizulta li minnufih wara s-sentenza intalbet is-sospensjoni taghha[2].

**16.** Il-kwistjoni li jibqa', ghalhekk, hi jekk fil-fatt intalbitx is-sospensjoni tas-sentenza minnufih li din inghatat. Il-Qorti tistqarr mill-ewwel li ghandha r-riservi serji taghha dwar kif graw l-affarijiet li wasslu sabiex tigi infilzata fil-process il-formola a fol. 12 tal-process datata 25 ta' April 2012 li fiha jinghad li l-imputat talab is-sospensjoni ta' l-esekuzzjoni tas-sentenza moghtija dakinhar stess u li l-Qorti laqghet it-talba taht garanzija personali ta' €175. Ix-xhud Mary Jane Attard, li kienet qed tagixxi ta' Deputat Registratur dakinhar waqt is-seduta u li ffirmat il-formola in kwistjoni, xejn ma hi illuminanti dwar ic-cirkostanzi li fiha saret l-istess formola u anzi stqarret li la darba l-imputat talab iz-zmien ghall-hlas il-formola msemmija ma kellhiex timtela. Apparti l-korrettezza o meno ta' dak li inghad minnha f'dan ir-rigward, huwa certament piuttost stram li minkejja cirkostanza daqshekk insolita x-xhud baqghet ma ftakret xejn dwar ic-cirkostanzi li fihom giet redatta l-formola in kwistjoni.

**17.** Dak li certament jirrizulta mis-sentenza stess appellata hu, izda, li saret meta saret it-talba ghas-sospensjoni skont il-formola msemmija l-istess talba certament ma saritx minnufih li inghatat is-sentenza appellata tant li fi tmiem l-istess sentenza, wara li l-Qorti sabet lill-imputat hati u kkundannatu l-piena skont il-ligi, l-ewwel Qorti ddikjarat esplicitament u specifikatament li "rat li l-hati ma talabx sospensjoni tal-effetti ta' din id-decizjoni" u huwa biss wara dan li akkordat it-talba ghall-beneficcju taz-

[1] Ara App Krim P v Issa Isslam Tawfik Issa 2/2/2006 u d-diversi sentenzi hemm citati.
[2] App Krim P v Raoul Beraha 11/10/1947 Vol XXX.iv.p.632

zmien. Li l-imputat ma talabx minnufih is-sospensjoni tas-sentenza appellata jirrizulta wkoll mill-verbal fuq imsemmi tad-difiza li permezz tieghu ddikjarat li l-imputat ghamel it-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza “ftit mumenti wara li kkomunika mal-avukat ta’ fiducja tieghu permess tat-telephone“. Dan certament jikkonferma dak li jinghad fis-sentenza appellata li minnufih wara li inqrat is-sentenza appellata l-imputat ma kienx ghamel it-talba ghas-sospensjoni tas-sentenza. Li kieku t-talba ghas-sospensoni msemmija fil-formola a fol 20 saret minnufih li inghatat is-senteza din il-Qorti ma tistax tifhem kif l-ewwel Qorti setghet laqghet tali talba meta l-istess Qorti kienet ghada kemm ddikjarat fis-sentenza appellata li ebda tali talba ma kienet saret.

**18.** Ghalhekk din il-Qorti hi sodisfatta li ebda talba ghas-sospensjoni tas-sentenza appellata ma saret minnufih li inghatat is-sentenza appellata u li ghalhekk kien hemm l-akkwijexxenza tal-appellat ghas-sentenza appellata li ghaldaqstant kienet saret esegwibbili minnufih li inghatat.

**19.** Tenut kont tal-konkluzjoni li ghadha kemm waslet ghaliha din il-Qorti ma hux il-kaz li jigi indirizzat l-aggravju tal-appellant peress li l-appell tieghu ser inevitabilment jigi dikjarat irritwali u konsegwentement null.

**20.** Ghall-motivi premessi din il-Qorti tilqa’ l-pregudizzjali sollevata mill-Avukat Generali u tiddikjara l-appell tal-imputat Christopher Mercieca irritwali u null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu. Id-data li fih ghandu jsir l-ewwel pagament tal-multa tkun l-ahhar ta’ Jannar 2013.

**21.** Finalment il-Qorti tordna komunika ta’ din is-sentenza lill-Kummissarju tal-Pulizija u lill-Avukat Generali ghal kull indagini ulterjuri li jista’ jidhrilhom xierqa li ssir dwar ic-cirkostanzi li fihom giet redatta l-formola a fol. 20 tal-process.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------